QALA

Laqgha tal-Kunsill tal Qala Numru 45 li saret nhar l-20 ta' Ottubru 2011 fil-5:00 p.m.

Prezenti: Paul Buttigieg (Sindku)
Paul Buttigieg (Kunsillier)
Victor Grech (Kunsilier)
Jesmond Borg (Kunsilier)

Skuzat: Raymond Xerri (Vici-Sindku)

1. Talba

**2. Il-Fortizza ta' Sant Antnin**

Mixjin ix-xoghlijiet fuq id-dahla tal-fortizza, u l-hnejja ta' barra. Ix-xoghol li kien qed isir in-nahha ta' gewwa tlesta. Ta' Din l-Art Helwa qabbdu lil kuntrattur Hal Mann biex jissuplixxu blokka (gebla kbira) biex titnaqqax l-arma fuqha fl-entratura tal-Fortizza. L-aperturi qabbdu kunrattur minn taghhom biex jiehu hsieb dan ix-xoghol.

Din l-Art Helwa applikaw ghal fondi minn Eco Gozo biex ikunu jistghu isiru information panels fuq gewwa u barra l-Fortizza.

**3. Is-Sala tal-Komunita**

Ix-xoghol fuq is-Sala miexi b'pass tajjeb. Is-saqaf ser jinzebagh abjad u l-hitan griz sfumat u b'disinn skond l-istruzzjonijiet tad-designer imqabbad. L-ewwel passata lesta u jonqos biss il-kuluri. Ittiehdu ritratti 120$^{o}$ minn fuq il-Wileg sal-Mithna u r-ritratt hu ta 8 metri; ritratt tal-Belvedere ghat-tul u simbolu tal-gebla l-kbira u l-arma 3D. Ser issir ukoll plakka – Sala ghal Komunita.

Jonqos it-tindif u l-fittings tad-dawl, zewg bibien u tieqa. Ix-xogholijiet li saru huma kollha skond it-tender li nhareg, hlief ghal variation orders, is-somma totali m'ghandiex taqbez € 35,000.

Id-data tal-ftuh tas-sala tal-konunita ser issir vicin il-festi tal-Milied, meta jinghata Gieh il-Qala. Gie miftiehem unanimament li l-ftuh tas-sala ghanda ssir mil-Onorevoli Dr Chris Said.

**4. Xoghol ta' kisi bit-tarmac**

L-ewwel kisja tarmac inghata fi Triq is-Salib u Triq Santa Marija tal-Qala. It-toroq ser jigu jiswew aktar minhabba dizlivelli fid-djar. Kellha ssir bankina ta' bejn 3 u 5 piedi fit-triq tac-ciment biex taghmel tajjeb ghad-dizlivelli li hemm. Triq is-Salib it-triq twessat, tnehha l-blat , tnehhiet ir-rampa u tranga l-isqaq, parti mil-bankina giet bit-tarag u tnadfu

l-postijiet li setghu jitnadfu u b'hekk twessat it-triq.  It-tieni parti tar-resurfacing ser isir xi gimghatejn ohra.

Triq Santa Marija tal-Qala instab il-blat fil-wicc; it-tindif ser isir wara li jinghata t-tarmac.

Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella ser tinghata t-tarmac wara li jitlestew l-ewwel zewg toroq.  Kellhom isiru l-mains il-godda ghad-djar.  It-triq trid tigi livellata bl-emix u wara jinghata t-tarmac mill Ministeru ta' Ghawdex billi din hija triq gdida.

Toroq ohra li jridu jsiru huma Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna.  Il-prijorita tal-Kunsill hu li jsiru t-toroq fejn joqghodu n-nies.

**5.   Xogholijiet Triq 21 ta' April fil-muzew tal-Folklore**

Meta jitlestew ix-xogholijiet fil-Muzew, il-Kunsill qabel li l-inawgurazzjoni ghandha ssir mil-Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Giovanna Debono.

It-tenders li nhargu biex jitlesta l-muzew. Skond l-applikazzjoni tal-Eco Gozo x-xoghol irid jitlesta sal-ahhar ta' Novembru, biex il-Kunsill jinghata il-fondi minn Eco Gozo qabel l-ahhar tas-sena.

Tenders li nhargu mill-Kunsill u li jaghlqu fis-7 ta' Novembru huma tal:

5/2011 Provista u nstallazzjoni ta' Playcentre fi Ġnien il-Familja.
6/2011 Provista u nstallazzjoni ta' sistema photovoltaic ghal Kunsill Lokali tal-Qala.
7/2011 Provista u nstallazzjoni ta' CCTV, sistema ta' alarm tan-nar u "intruder alarm' fil-Muzew tal-Folklore, Qala
8/2011 Provista u delivery ta' light fixtures ghal-Muzew tal-folklore Qala
9/2011 Xiri ta' oggetti antikitajiet awtentikati ghal-Muzew tal-Folklore, Qala.

U kwotazjoni 1/2011. Provista u transport ta' siggijiet ghal Kunsill Lokali tal-Qala

**6.   Progett 323 – Fondi ghal Picnic area**

Ix-xoghlijiet fuq il-hitan tas-sejjiegh bdew, u nstab li m'hemx bzonn hafna thammil. Hemm tlett haddiema ghaddejjin full-time u xoghol miexi b'pass tajjeb.

**7.  Progett 313 – Fondi ghal Muzew tal-Folklore**

Qabel ma' nhargu t-tenders ghal Muzew tal-Folklore il-Kunsill talab lil paying agency biex tittrasferixxi fondi minn fuq il-Muzew ghal fuq il-Picinic area, dan  minhabba fondi li nghataw mil-Eco Gozo fuq il-Muzew tal-Folklore.

Il-Kunsill ghadu kif ircieva konferma minghand il-paying agency li l-ammont ta' fondi tat-313 ghal Muzew tal-Folklore huma ta' €20,000 u €60,000 gew trasferiti fuq il-Picnic Area.
Eco Gozo huma sodisfatti b'din is-sitwazzjoni u ghaddew 30% mill-fondi dovuti lil-Kunsill.

Il-contracts manager – dan ghandu jkun parti minn kull kuntratt. Is-Sindku kiteb ittra lil paying agency biex ikun hemm contract manager ghal kull tender, skond il-htigijiet tal-kuntratt.

Dawn il-fondi huma mxerdin fuq medda ta' tlett snin; ghalhekk kull xaghar isiru laqghat mal-paying agency biex dawn jigu aggornati fuq il-progress tal-progetti.

**8. Qala International Folk Festival**

Il- Qala International Folk Festival ta' din is-sena marret tajjeb hafna, b'attendenza aktar mis-soltu. Il-hwienet fil-pjazza marru tajjeb. Affarijiet li jridu jitrangaw huma l-hin tar-re-enactment tat-tieg Malti, biex dan ikun iktar effettiv.
Il-grupp Irlandiz ghenu hafna. Billi kienet hafna shana, darb' ohra l-konferenza ghanda ssir fis-Sala minhabba l-airconditioner.
Il-membri tal-folk hadmu hafna u swiet inqas mis-sena l-ohra.
Dan il-festival qed jindara u qed jiehu isem, u n-nies qed jiehdu gost jattendu.
Is-sena ddiehla l-QIFF 2012 ser issir bejn l-20 u 23 ta' Settembru.
L-ispejjez tal-konferenza ser jithalsu mil-Kunitat tal-Menhir mill-fondi li huma inghataw minn Eco Gozo (bejn wiehed u iehor €5,000).
l-ispejjez l-ohra li hareg il-Kunsill, parti minnhom (€7,000) ser jinqataw mill-ammont li nghata mill-ufficju ta' Dr. Chris Said.

**9. Tender li nhargu**

Tenders li nhargu mill-Kunsill u li jaghlqu fis-7 ta' Novembru huma tal:

5/2011 Provista u nstallazzjoni ta' Playcentre fi Ġnien il-Familja.
6/2011 Provista u nstallazzjoni ta' sistema photovoltaic ghal Kunsill Lokali tal-Qala.
7/2011 Provista u nstallazzjoni ta' CCTV, sistema ta' alarm tan-nar u "intruder alarm' fil-Muzew tal-Folklore, Qala
8/2011 Provista u delivery ta' light fixtures ghal-Muzew tal-folklore Qala
9/2011 Xiri ta' oggetti antikitajiet awtentikati ghal-Muzew tal-Folklore, Qala.

U kwotazjoni 1/2011. Provista u transport ta' siggijiet ghal Kunsill Lokali tal-Qala

**10. Attivitajiet tal-Milied**

L-attivitajiet jinkludu:

a. Gieh il-Qala li ghandha ssir fit-tieni gimgha ta' Dicembru. Ghal din l-attivita jigu mistiedna il-membri tal-kumitati kollha tal-Qala. Waqt l-attivita ikun hemm feature fuq il-Qala, diskors fuq il-Qala, kant u jigi prezentat Gieh il-Qala lil persuna li jiddeciedi fuqu l-Kunsill.
b. Attivita ghal Familja – fejn ikun hemm attivita ghat-tfal, rigali ghat-tfal u recti imtellghajn mit-tfal stess.
c. Harga ghal-anzjani
d. Attivita sportiva – Football tournament bejn it-tlett nurseries li ssir f'weekend waqt il-vaganzi tal-Milied. Din l-attivita tkun organizzata mil-klub tal-football u l-ispejjez jithalsu mill-Kunsill.

e. Harga ghaz-zghazagh – ghandu jinhatar il-Kumitat taz-zghazagh miz-zghazagh interessati li applikaw il-Ministeru.

**11. Hwejjeg Ohra**

Gnien il-Familja – gie nnutat li d-dawl fil-gnien qed jintefa f'nofs il-lejl.

Komplaints dwar il-hmieg tal-klieb – il-Kunsill ser iwahhal aktar tabelli fl-isqaqien biex dan il-hmieg jonqos.

Skema tal-ERDF 125 dwar kisi tat-toroq tal-bdiewa, dawn it-toroq iridu jkunu diga moghtija l-qatran. Din l-applikazzjoni taghlaq fil-bidu ta' Dicembru u hemm bejn wiehed u iehor €30,000 ghal kull Kunsill. Il-Kunsill iddecieda li jidentifika diversi toroq u li jiddeciedi l-prijorita wara li dawn jigu spezzjonati. Il-perit ha jigi mitlub jikkalkula l-areas ta' dan it-toroq:

1. Il-kontinwazzjoni ta' Triq il-Wileg
2. Triq Andar ix-Xaghri
3. Triq ta' Grunju
4. Triq il-Kalati Punici
5. Triq Barbagann
6. Triq ta' Gulju

Safar: Is-Sindku u l-Vici Sindku ghandhom immorru Brussels bejn 20 u 23 ta' November b'sussidju mill-EU. Il-biljetti tal-ajru jithalsu mill-Kunsill.
Fl-ahhar ta' Novembru hemm l-iffirmar tal-patt tas-Sindki. Dan ser jattendi s-Sindku. Il-kunsill l-ohra minn Ghawdex li ser jattendu huma Gharb, Kercem u Rabat.

Ittra mil-MEPA – Pjanti ghal Qala Creek. Is-Sindku ghandu jikteb ittra lil MEPA jitlob kopja tal-pjanti ghall-izvilupp propost ghal Qala Creek.

Playing field – ghandha ssir linja safra doppja bix il-karozzi ma jipparkjawx quddiem ir-rampa li hemm ghal push chairs u ghal handicapped.

Kaxxa tal-handicapped hdejn ta' Martinu giet approvata mill-Awtorita tat-Trasport. Il-Kunsill ser jipproponi li din il-kaxxa ssir fuq il-bankina.

11. Korrispondenza

Il-kunsill ircieva:

a. Ktieb bir-ritratt tal-Kunsill.
b. Applikazzjoni ghal meters mal-Enemalta ghal PV's
c. Ittra ta' garanzija ghal Fortizza ta' Sant Antnin – Il-permess inhareg mill-MEPA
d. Acknowledgement ta' ittra minghand il-paying agency
e. Permess imgedded tal-MEPA ghal-picnic area fir-recreational park
f. Ir-rapport tax-xoghlijiet fil-Muzew tal-Folklore
g. Ittra li-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal Qala International Folk Festival 2011

h. Ittra mid-Dipartiment tal-Agrikultura biex titnehha sigra minn hdejn San Guzepp
i. Ittra ghat-talba ta’ fondi mill-UIF ghal imwejjed u gazibos fil-picnic area ta’ €8,000
j. Email ta’ korrespondenza dwar is-segretarju ezekuttiv
k. Ittra dwar il-Kumitat Regjonali ta’ Ghawdex dwar ix-xoghol li issa ser jibda jsir mill-Kumitat Regjonali ta’ Ghawdex minflokk mill-Kumitat Kongunt. Il-Kumitat Kongunt ghadda l-fondi kollha li kellu lil Kumitat Regjonali.
l. Ittra mi-DLG dwar numri ta’ emmergenza li ghandhom jitwahhlu fil-playing fields
m. Ittra mid-Dirpartiment tal-Edukazzjoni jitlob lil-Kunsill jisponserja il-kotba tal-year 4, 5 u 6 b’ghotja ta’ €100 bhala parti mill-progett.
n. Kopja tal-ftehim bejn il-Manhir Folk Group u ECO Gozo ghal konferenza.
o. Kopja tal-permess tal-Fortizza ta’ Sant Antnin minghand il-MEPA
p. Ittra lil-Banif Bank – talba ghas-servizzi minghand dan il-Bank
q. Ittra minghand l-NSO – survey dwar l-iskart domestiku
r. Ittra lil paying agency dwar il-contracts manager
s. Rapport fuq xoghlijiet – measure 313
t. PQ dwar skart domestiku u kawzi l-qorti
u. PQ dwar progetti tal-EU
v. Let’s Gozo – Artiklu dwar il-Fortizza ta’ Sant Antnin
w. Ittra dwar l-ordni tal-podium ghas-sala
x. Corrispondenza dwar il-pannelli ta’ informazzjoni ma’ Din L-Art Helwa
y. Ordni ta’ 30 borza ta’ materjal ghal-patching bi €22.00 il-borza.

Il-laqgha spiccat fis-seba u nofs ta’ filghaxija.